MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Numru 185/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**RONALD AZZOPARDI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Ronald Azzopardi ta' 28 sena bin il-mejjet Anthony u Rita nee Camilleri imwieled Pieta fil-14 ta' Novembru 1978 u residenti 168 Villa Ambrosa Hamrun detentur tal-karta ta' l-Identita nru 562578(M) gie akkuzat:

Talli fl-4 ta' Jannar 2004 gewwa l-fond 197 Triq ir-Rizza Birzebbugia hebb ghal persuna ta' Manwel Zahra u kkagunalu feriti ta' natura gravi skond certifikat mediku

mahrug minn Dr. Jurgen Gerada MD Reg no 9810 ta’ l-Isptar San Luqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika Art. 383 tal-Kapitlu 9 u dan ghas-sigurta ta’ Manwel Zahra minn Birzebbugia.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li m’ghandux htiega li jkun assistit minn avukat, li l-Qorti spjegat lill-imputat dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u li l-imputat ikkonferma li m’ghandux htiega li jkun assistit minn avukat.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok NL3 u nnutat li l-imputat Ronald Azzopardi m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Manwel Zahra iddikjara li sitwazzjoni bejnu u bejn l-imputat ippacifikat ruhha, li huwa jahfer lill-imputat, li l-imputat sejjer jizzewweg lil bintu u li l-imputat ghandu erbat itfal. Inoltre l-istess parte civile Manwel Zahra iddikjara li mhux qieghed ibati minn xi konsegwenzi kagunati mill-feriti sofferti f’dan il-kaz.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Ronald Azzopardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li l-parte civile Manwel Zahra fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li sitwazzjoni bejnu u bejn l-imputat ippacifikat ruhha, li huwa jahfer lill-imputat, li l-imputat sejjer jizzewweg lil bintu u li l-imputat ghandu erbat itfal. Inoltre l-istess parte civile Manwel Zahra iddikjara li mhux qieghed ibati minn xi konsegwenzi kagunati mill-feriti sofferti f'dan il-kaz u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Roanld Azzopardi taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Ronald Azzopardi b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' Manwel Zahra ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ronald Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------